VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,552, 1 ta' April, 2016
Taqsima B

A.L. 104 tal-2016

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 497)

Ordni tal-2016 li Jwaqqaf l-Aġenzija SAPPORT

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu dan l-Ordni huwa l-Ordni tal-2016 li Jwaqqaf l-Aġenzija SAPPORT.

Tifsir.

2. F'dan Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

Kap. 497.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika;

"Aġenzija" tfisser l-Aġenzija stabbilita permezz ta' dan l-Ordni;

"Ftehim tal-Aġenzija" tfisser il-Ftehim kif previst fl-artikolu 7;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għal materji li għandhom x'jaqsmu ma' persuni b'diżabilità;

"Segretarju Permanenti" tfisser is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għal materji li għandhom x'jaqsmu ma' persuni b'diżabilità.

Twaqqif tal-Aġenzija SAPPORT Malta.

3. (1) Għandu jkun hemm Aġenzija, li għandha tkun magħrufa bħala l-Aġenzija SAPPORT, li għandha twettaq il-funzjonijiet u dmirijiet li għandhom x'jaqsmu ma' materji dwar diżabilità.

(2) Kull impjegat li qabel kien qiegħed jaqdi dmirijiet, u kull uffiċjal pubbliku ieħor li bħalissa jinsab jaħdem, mal-Aġenzija SAPPORT fi ħdan il-Foundation for Social Welfare Services għandu jitqies bħala impjegat tal-Aġenzija SAPPORT stabbilita permezz ta' dan l-Ordni taħt l-istess pattijiet u kundizzjonijiet bħalma jeżistu fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni.

(3) Il-kuntratti tal-impjieg konklużi bejn, min-naħa waħda, l-impjegati tal-Aġenzija SAPPORT fi ħdan il-Foundation for Social Welfare Services, u, min-naħa l-oħra, l-Foundation for Social Welfare Services, għandhom jibqgħu fis-seħħ bħallikieku dawn il-kuntratti ġew konkluzi mill-Aġenzija SAPPORT kif stabbilita b'dan l-Ordni u

VERŻJONI ELETTRONIKA

kull ftehim kollettiv li jkun fis-seħħ qabel ma dan l-Ordni jiġi fis-seħħ li jaffettwa d-drittijiet u l-istatus ta' impjegati tal-Aġenzija SUPPORT fi ħdan l-imsemmija Fondazzjoni ma jiġix preġudikat.

(4) L-uffiċjali pubbliċi li jkunu jaħdmu mal-Aġenzija għandhom jitqiesu li jkunu ingaġġati mal-Aġenzija kif hemm fl-artikolu 43 tal-Att.

(5) L-Aġenzija għandha, sa mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni, tassumi responsabbiltà għal kull attiv, responsabbiltà u obbligu li jkunu qabel daħlet għalihom l-Aġenzija SAPPORT fi ħdan il-Foundation for Social Welfare Services jew kull korp ieħor li jaġixxi f'isimha. Għal kull bwon fini l-ftehim kollha li tkun daħlet fihom l-Aġenzija SAPPORT fi ħdan il-Foundation for Social Welfare Services fir-rigward ta' proprjetà mikrija, użata minn u, jew fil-pussess tal-Aġenzija SAPPORT fi ħdan il-Foundation for Social Welfare Services u kull dritt jew obbligu li jinħoloq minn dawn il-ftehim għandhom jiddevolu u jaqaw fuq l-Aġenzija SAPPORT kif stabbilita b'dan l-Ordni.

Funzjonijiet u dmirijiet tal-Aġenzija.

4. L-Aġenzija jkollha l-funzjonijiet u dmirijiet li ġejjin:

(a) li b'mod attiv tippromwovi l-bżonnijiet ta' persuni b'diżabilità permezz tal-prinċipji ta' normalizzazzjoni, integrazzjoni soċjali, tisħiħ u valorizzazzjoni tal-irwol soċjali;

(b) li b'mod attiv issostni, permezz ta' intervent dirett (akkomodazzjoni, rikreazzjoni, gwida u edukazzjoni), persuni b'diżabilità f'kommnità;

(ċ) itejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità permezz ta' sostenn, esperjenza u appoġġ personalizzat innovattiv;

(d) taħdem ma' persuni b'diżabilità u mal-familji tagħhom sabiex tiżgura l-mezzi, l-opportunitajiet u s-servizzi li permezz tagħhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt li jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-ħajja komunitarja;

(e) tiġġestixxi s-servizzi relatati mal-persuni b'diżabilità;

(f) tiżgura li s-servizzi huma mmexxija, ġestiti u provduti skont it-termini tal-i*standards* eżistenti u approvati minn żmien għal żmien;

(g) tissorvelja u tamministra pensjonijiet tal-klijenti li jgħixu fi djar residenzjali;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(h) tissorvelja kull ftehim ta' servizzi konklużi mill-Ministeru responsabbli għal affarijiet relatati mal-persuni b'diżabiltà;

(i) tinvolvi lill-utenti tas-servizz f'attivitajiet mmirati li jsaħħulhom l-abbiltà li jgħixu b'mod indipendenti;

(j) li tinvolvi b'mod attiv lill-utenti tas-servizz fil-komunità;

(k) li taġixxi bħala sostenn għall-utenti tas-servizz u l-ġenituri/ kustodji;

(l) li ssaħħaħ il-kwalità tal-ħajja tal-utenti tas-servizz permezz ta' taħriġ u żvilupp indipendenti għat-taħriġ fl-għajxien ulterjuri;

(m) tinkoraġġixxi lill-utenti tas-servizz sabiex jesploraw u jaħdmu lejn il-possibbiltà ta' impjeg;

(n) li tipprovdi programmi ta' ħiliet bażiċi bħal ħiliet bażiċi lejn għajxien indipendenti sostnut minn ħiliet oħra li jtejbu l-kwalità tal-ħajja;

(o) li tiżviluppa programmi li jinvolu lill-utenti tas-serivizz f'attivitajiet mill-aktar possibli fil-komunità. L-attivitajiet għandhom ikunu kemm ta' natura okkupazzjonali kif ukoll ta' divertiment;

(p) li twettaq programmi lejn il-benesseri fiżiku u psikoloġiku u attivitajiet li jtejbu l-ħiliet fl-edukazzjoni, il-komunikazzjoni soċjali, il-kultura, id-divertiment, u l-impjieg;

(q) li tipparteċipa fi progetti relatati mad-diżabilità u tesplora inizjattivi li jistgħu jintużaw bħala xogħol fuq barra, xogħol mħaresw u xogħol b'appoġġ;

(r) li tiżgura li l-programmi jsiru fuq livelli skont l-abbiltajiet u l-bżonnijiet individwali tal-utenti tas-servizz;

(s) li ssaħħaħ u żżomm u trawwem is-soċjalizzazzjoni fi gruppi differenti;

(t) li tipprovdi spazju u strutturi lill-utenti tas-servizz; u tiżviluppa u ttejjeb il-ħiliet soċjali tagħhom fit-termini tal-adattament tas-sitwazzjonijiet soċjali differenti;

(u) li ssostni, tgħallem u timmotiva dawn il-persuni

VERŻJONI ELETTRONIKA

b'diżabilità fi djar tagħhom u fil-komunità bl-użu ta' approċċ ħolistiku mmirat lejn l-aktar ħiliet possibbli;

(v) tagħti s-sostenn u l-konuslenza kollha possibili lill-familja kollha bil-għan li tiżgura li l-persuna b'diżabilità jkollha l-aħjar kwalità tal-ħajja possibli;

(w) li tiżgura li persuni b'diżabilità li huma utenti tas-servizz huma mogħtija vuċi permezz ta' sostenn u tisħiħ;

(x) li tiżgura li persuni b'diżabilità huma mogħtija l-opportunità li jilħqu l-potenzjal tagħhom, tkun xi tkun l-abbiltà tagħhom, filwaqt li tgħarrafhom li għandhom id-dritt tal-għażla li taffetwa ħajjithom;

(y) billi tadotta approċċ ħolistiku, li tagħti aktar setgħat lil persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom u dawk li jagħtuhom il-kura permezz ta' assistenza personali, soċjalizzazzjoni u intervent sabiex titjieb il-kwalità tal-ħajja tagħhom, u b'hekk tippromwovi d-dritt għat-tagħlim, tal-għażla u żvilupp tal-ħiliet tagħhom - elementi li ta' spiss ma jittieħidx kont tagħhom minn persuni mingħajr diżabilità;

(z) li żżid għarfien soċjali billi tintegra persuni b'diżabilità - kemm jekk intellettwali, fiżiku jew it-tnejn - fil-komunità u tintroduċihom għal sitwazzjonijiet ta' kuljum;

(aa) li tipprovdi servizzi fil-komunità f'Malta u Għawdex u timmira lejn varjetà ta' bżonnijiet kif esperjenzati mill-individwu b'diżabilità u, jew mill-familja/dawk li jagħtuhom l-għajnuna. L-istrateġiji ta' intervent jew bżonnijiet ta' assistenza personali għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid skont in-neċessità sabiex jiġi determinat jekk l-eżiti determinati humiex qed jiġu milħuqa;

(bb) li tipprovdi sostenn personalizzat dirett sabiex tgħin persuni b'diżabilità f'attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum fid-dar, fil-post tax-xogħol tagħhom jew fil-komunità, fejn u meta huwa meħtieġ;

(ċċ) li tipprovdi opportunità lill-persuni b'diżabilità sabiex ikomplu jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom jew jiriċievu taħriġ sabiex jitgħallmu ħiliet ġodda fl-ambjent tal-komunità sabiex jiffukaw fuq il-ħiliet tal-ħajja ta' kuljum, komunikazzjoni u interazzjoni soċjali sabiex tipprepara persuni b'diżabilità għall-iskola, ix-xogħol, ċentri ta' matul il-jum, jew soċjalizzazzjoni ġenerali fil-komunità;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(dd) li tiżura l-ogħla *standards* fl-eżerċizzju tal-kura u l-ħidma soċjali; u

(ee) li żżomm taħt reviżjoni ix-xogħlijiet ta' dan l-Ordni, u fejn huwa meqjus meħtieġ, fuq talba tal-Ministru jew xort'oħra, tissottometti proposti għar-reviżjoni tal-Ordni.

Ministru responsabbli għall-Aġenzija.

5. Il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija SAPPORT għandu jkun il-Ministru responsabbli għal materji li għandhom x'jaqsmu ma' persuni b'diżabilità.

(2) Is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru responsabbli għal materji li għandhom x'jaqsmu ma' persuni b'diżabilità, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "is-Segretarju Permanenti" għandu jissorvelja l-Aġenzija kif hemm fl-artikolu 39 tal-Att.

(3) Is-Segretarju Permanenti jista' jkun assistit f'dik is-superviżjoni minn xi Segretarju Permanenti ieħor minn Ministeru ieħor kif hemm fil-proviso għall-artikolu 13(5) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

(4) Jekk xi Ministru, li ma jkunx il-Prim Ministru, jassumi responsabbiltà għall-Aġenzija, din għandha tiġi sorveljata mis-Segretarju Permanenti f'dak il-Ministeru.

Arranġamenti finanzjarji. Kap. 174.

6. L-Aġenzija għandha tkun regolata bid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika kemm-il darba ma jkunx awtorizzat mod ieħor fil-Ftehim tal-Aġenzija bejn is-Segretarju Permanenti u l-Aġenzija SAPPORT, f'liema każ għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-Aġenzija.

Arranġamenti spċjalii oħra li jgħoddu għall-Aġenzija.

7. L-operat tal-Aġenzija għandu jitwettaq skont Ftehim tal-Aġenzija li għandu jiġi miftiehem bejn is-Segretarju Permanenti u l-Aġenzija SAPPORT.

Kap tal-Aġenzija.

8. L-Aġenzija għandha tkun immexxija minn Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Aġenzija li għandu jwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha kif stipulat fl-Att.

Bord konsultattiv.

9. (1) Il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija jista' jistabbilixxi bord konsultattiv biex jassisti lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni fit-twettiq ta' dmirijietu.

(2) Bord Konsultattiv imwaqqaf taħt dan l-artikolu għandu jkun magħmul minn mhux inqas minn żewġ membri u mhux iżjed minn erba' membri li jinħatru mill-Ministru responsabbli għall-Aġenzija.

(3) Ir-rimunerazzjoni li titħallas lill-membri tal-Bord

VERŻJONI ELETTRONIKA

Konsultattiv għandha tkun kif jingħad fid-direttivi u l-linji gwida li jistgħu jinħarġu mill-Aġenzija minn żmien għal żmien.

Jemenda r-Raba' Skeda li tinsab mal-Att.

10. Fir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, minnufih qabel il-partita "Aġenzija Żgħażagħ" għandu jiżdied dan li ġej:

Aġenzija	Funzjoni tal-Aġenzija
"Aġenzija SAPPORT	Sabiex teżerċita u teżegwixxi l-funzjonijiet u d-dmirijiet li qabel kienu eżerċitati mill-Aġenzija SAPPORT fi ħdan il-Foundation for Social Welfare Services, kif ukoll kull materja oħra li taqa fl-ambitu ta' appoġġ u ħarsien ta' persuni b'diżabilità;".